# Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Fl-atti tat-Talba CCT 159/18/F

**Maryanne Selvagi**

**vs**

**Shaker Limited**

Illum, 19 ta' Frar 2024

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-18 ta' Ottubru 2018;

Ra r-Risposta tal-azjenda intimata ppreżentata fil-21 ta' Novembru 2018;

Ra d-dokumenti eżebiti mill-Partijiet;

Ra t-traskrizzjonijiet tax-xhieda;

Ra r-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina redatta fuq inkarigu mit-Tribunal u tweġibiet tiegħu in eskussjoni;

Sema' s-sottomissjonijiet tal-Partijiet;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-Talba tagħha, ir-Rikorrenti qed titlob li tiġi rifuża s-somma ta' **tlett elef u ħames mitt Euro (€3,500)**[1] mill-azjenda intimata rappreżentanti rimborż tal-prezz li hija ħallset għal wiċċ tal-kċina u *splash back* tal-ġeneru Corian. Hija tallega li l-wiċċ tal-kċina li ġie installat ma kienx maħdum skont il-qisien korretti u b'hekk mhux tajjeb. Dan

[1] Li fiż-żmien relevanti kien il-limitu tal-kompetenza *ratione valoris* ta' dan it-Tribunal. Fil-fatt, fuq l-Avviż tat-Talba, ir-Rikorrenti iddikjarat illi hija qed twarrab kull ammont mit-Talba tagħha 'l fuq minn €3,500.

stabbilit, fix-xhieda tagħha, ir-Rikorrenti tiċċara li aktar milli l-flus lura, hija tippreferi li l-wiċċ tal-kċina jiġi rranġat.

Illi fir-Risposta tagħha, l-azjenda intimata issostni li:

- Il-wiċċ tal-kċina tal-ġeneru Corian fornut minnha kien manifatturat skont il-kejl u speċifikazzjonijiet mitluba mir-Rikorrenti stess;
- Il-wiċċ tal-kċina ġie manifatturat skont l-arti u s-sengħa;
- Appena saret l-installazzjoni tal-wiċċ tal-kċina in kwistjoni, ir-Rikorrenti iffirmat id-*delivery note* relattiva li kienet tgħid "*all the delivered products have been received and installed to my full satisfaction*".

Illi t-Tribunal mhux ser jinoltra ruħu fl-argument tal-azjenda intimata li r-Rikorrenti iffirmat fuq id-*delivery note* relattiva li "*all the delivered products have been received and installed to my full satisfaction*" u dan għax in-normattiva dwar il-ħarsien tal-Konsumatur tgħallem li dawn it-tip ta' klawsoli f'kuntratti u formoli standard form ftit li xejn għandhom piż legali, speċjalment f'każijiet fejn ikun hemm ksur ta' obbligi minn naħa tal-kummerċjant.

Illi jifdal għalhekk jiġi trattat il-mertu tal-vertenza, li huwa wieħed tekniku.

Illi fir-relazzjoni tiegħu tas-17 ta' Lulju 2020, l-espert tekniku l-Perit Richard Aquilina ikkonkluda is-segwenti:

- L-ilment dwar l-isporġenza tal-għarmarju għal fuq ix-xambrella ġie rtirat u kwalunkwe każ, dan kien dovut għal min ħadem l-għarmarju fejn ma ħalliex biżżejjed spazju;
- L-ispazju żgħir bejn ir-ras tal-ġenb tal-għarmarju u l-wiċċ tal-madum huwa dovut għal diformità fil-wiċċ tal-madum u dan għandu jimtela' b'*sealer* abjad;
- Il-wiċċ ta' fuq l-għarmarju tan-naħa tax-xellug għandu jinħareġ 'il barra b'1cm b'mod li jkun jaqbel ma dak tan-naħa l-oħra, ċioè li l-wiċċ taż-żewġ naħat ikun 2cm 'il barra;
- In-naħa ta' taħt tal-ixkaffa li tagħti għal fuq il-kamra tal-ikel, għandha l-parti ta' ġewwa tal-*melamine*. Il-ġenb fejn din tmiss mal-Corian u mal-ħajt għandu jiġi rfinut.

Illi in esklussjoni, il-Perit Richard Aquilina iċċara li għalkemm il-ġnub tal-għarmarji huma f'parti 92.8cm u f'parti oħra 92.3cm, din id-diskrepanza hija ferm żgħira u deher

ukoll li kien hemm xi diformità fil-paviment u kien għalhekk li ma qiesx din il-parti tal-ilment tar-Rikorrenti.

Illi kollox meqjus, jidher li l-parti l-kbira tal-avariji li rriżultaw fil-wiċċ tal-kċina m'humhiex dovuti għal xi difett fil-qisien jew fil-manifattura tal-wiċċ tal-Corian fornut mill-azjenda intimata iżda aktar minħabba li l-għamara tal-bank tal-kċina, li ġiet manifatturata minn terzi, fiha għadd ta' difetti kif spjegi mill-Perit Richard Aquilina fir-relazzjoni tiegħu. Jidher li kien hemm diżlivellar ukoll fl-art tal-kamra li viżibbilment, hija waħda qadima. Ovvjament, jekk wieħed ipoġġi wiċċ perfettament lixx u tal-qies fuq sodda li mhijiex invellata jew inkella li għandha qisien diverġenti, dawk id-difetti ser jikkawżaw li l-wiċċ ma jidhirx pulit u tal-qies fis-sens li d-difett jintiret.

Illi mill-provi, jirriżulta li rappreżentanti tal-azjenda intimata marru fuq il-lok wara l-ilment tar-Rikorrenti u fil-fatt għamlu xi interventi żgħar rimedjali sabiex jiġu ndirizzati l-avariji li kien hemm għalkemm kif ingħad, *strettamente parlando*, il-kawża tal-maġġoranza ta' dawn l-avariji ma kienitx riżultat ta' xi nuqqas minn naħa tal-azjenda intimata.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, filwaqt li jagħmel tiegħu il-konklużjonijiet tal-espert tekniku Perit Richard Aquilina, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha *in parte* u jordna lill-azjenda intimata sabiex fi żmien xahar tagħmel is-segwenti xogħlijiet rimedjali taħt is-superviżjoni tal-istess Perit Richard Aquilina:**

- ***Il-wiċċ ta' fuq l-għarmarju tan-naħa tax-xellug għandu jinħareġ 'il barra b'1cm b'mod li jkun jaqbel ma dak tan-naħa l-oħra, ċioè li l-wiċċ taż-żewġ naħat ikun 2cm 'il barra;***

- ***In-naħa ta' taħt tal-ixkaffa li tagħti għal fuq il-kamra tal-ikel, għandha l-parti ta' ġewwa tal-melamine. Il-ġenb fejn din tmiss mal-Corian u mal-ħajt għandu jiġi rfinut.***

**Kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***